XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.14 (Erbgħatax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 7 ta' Settembru, 2010 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieg |
| | Mario Buhagiar |
| | Claire Depasquale |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 Sar il-qtugħ tal-blat u t-tneħħija tal-ħamrija għal sit ieħor biex tintuża aktar tard. Sadanittant saru xi rapporti lill-MEPA li l-materjal mis-sit qed jiġi *dumped* u għalhekk kellu jieqaf. Il-MEPA trid CMP u l-kwantita' ta' materjal li ser jitneħħa x'se jsir minnu minn Smart City.

3.2 Smart City għamlu ċint tal-blokki tal-konkos mas-sit u saret talba lill-Ministeru, (Is-Sur Chris Ciantar – Segretarju Permenenti) biex fuq il-blokki jsir chainlink Fencing.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.3 Sar qbil mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-MITC sabiex:

A) Jinfetah kont bankarju ġdid għall-fondi allokati għall-Faċilitajiet Sportivi.

B) . MOU slipway - jekk fadalx xi bilanċ ta' fondi u dan billi ma saritx bi blokki kbar kif kien iddisinjat pero saru bi planki ta' konkos prestressed. Saru xi tiswijiet fi slipways oħrajn f'Dawret ix-Xatt.

C) Se jsir follow-up fuq ir-restorazzjoni tal-Fortizza tal-Grazzja.

3.4 Is- snag list tal-promenade tax-xatt issa għadda f'idejn id-Dipartiment tax-Xogħolijiet li żamm xi paġamenti dovuti lill-kuntrattur. Għalkemm il-Kuntrattur ġie mwissi b'ittra uffiċċjali, jingħad li ma tahx każ.

3.5 Tnejn (2) mill-ħaddiema tal-Public Works qed jagħmlu xogħol ta' brix tar-railings tal-ħadid.

3.6 Is-Sindku u Antonia Buttiġieġ attendew meeting pubbliku dwar l-ilma ta' l-għarar. Il-proposti validi tal-Kunsill jidher li qed ikunu kkunsidrati serjament.

3.7 Il-Byelaw miexja u għandna nkellmu lill-Dr. Chris Said biex tiġi ppubblikata.

3.8 L-ewwel fażi tas-sistema l-ġdid ta' ġbir ta' skart għandha tinbedha mill-1 t'Ottubru u dan billi jitneħħew l-iskips li huma fl-abitat (village core).

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:-

4.1 Saret rappresentażżjoni a rigward storm water outfall.

4.2 Arblu ta' l-Enemalta li qiegħed fil-ħamrija fis-sit tal-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi Applikazzjoni biex jitneħħa.

4.3 Bus Shelter li baqa' ma tlestiex.

4.4 Ittra lill Perit Audrey Testaferrata de Noto biex isir traffic Management madwar ix-Xgħajra u *No parking* fi Triq ix-Xilep.

.

4.5 L-iskavar tal-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi jammonta għal madwar 4715m3 li jiswa €25 kull metru kubu (m3)

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGHAJRA

4.6 Korrispondenza mill-Paragon biex jiġu assenjati xi studenti mall-Kunsill.

4.7 Il-Kunsill jagħti kondoljanzi lill-President u lill-Prim Ministru għal mewt ta' missierhom.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhur ta' Lulju w Awwissu 2010 fejn kien meħtieġ ġew Approvati u ratifikati.

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda: Xogħol madwar ix-Xgħajra

Xogħol ta'manutenzjoni etc. li normalment isir qiegħed isir u aktar xogħol li sar qiegħed spjegat aktar il-fuq.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

Il-Kunsill jawgura lill Josette Camilleri,impjegata tal-Kunsill fejqan ta' malajr.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun it-Tlieta, 12 t'Ottubru, 2010 fil-5.30pm.

______________________________ __________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt